**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġurament Numru 838/2024DC**

**Wara is-sentenza mgħotija fil-kawża fl-ismijiet**

***Realty Endevio Limited (C61519)***

***vs***

***Convera Malta Financial Limited***

**Illum,  14 ta' April, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat **tas-soċjeta' attriċi** ppreżentat fit-30 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Is-soċjeta' rikorrenti għandha s-somma ta' mija sebgħa u erbgħin elf, disa' mija u tliet Euro (EUR147,903.00) depożitata mas-soċjeta' intimata, liema somma l-intimata, minkejja li ġiet debitament mitluba qiegħda tirrifjuta li tirrilaxxja a favur ir-rikorrenti.*

2. *Inġieb a konjizzjoni tar-rikorrenti, illi l-intimata qiegħda tirrifjuta li tirrilaxxa l-ammont ta' mija sebgħa u erbgħin elf, disa' mija u tliet Euro (EUR147,903.00) favur ir-rikorrenti minħabba li persuna pretedentement involuta fl-istuttura tar-rikorrenti hija milquta minn sanzjoni li ġiet maħruġa kontra tagħha mill-OFAC (Office of Foreign Assets Control) tal-Istat Amerikan.*

3. *Dawn is-sanzjonijiet maħruġa mill-OFAC ma humiex enforzabbli fl-ebda mod f'Malta, stante li Malta hija stat sovran u indipendenti, u lanqas ma huma enforzabbli fl-Unjoni Ewropea, għalhekk ma teżisti ebda bażi leġittima u legali għaliex ir-rikorrenti għandha tkun mċaħħda minn ħwejjiġha u mid-drittijiet tagħha.*

4. *Fi kwalunkwe każ ukoll ma teżisti, kontra r-rikorrenti, ebda ordni ta' friżżar ta' assi jew xorta oħra maħruġa minn xi awtorita' kompetenti f'Malta u lanqas fl-ebda stat membru tal-Unjoni Ewropea.*

5. *Ġaladarba l-intimata għażlet it-triq li tissospendi jew b'mod jew ieħor tħassar ir-relazzjoni mar-rikorrenti minħabba l-imsemmija sanzjonijiet, hija għandha b'mod immedjat tillikwida w tirrilaxxa a favur ir-rikorrenti s-somma hawn fuq indikata, flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża sad-data tar-rilaxx effettiv f'ammont ta' tmienja fil-mija (8%).*

6. *L-intimata ġiet diversi drabi interpellata sabiex tirrilaxxa l-assi tar-rikorrenti, iżda baqgħet inadempjenti.*

7. *Cheryl Grech (K.I. nru. 00038886M) direttriċi tas-soċjeta' rikorrenti Realty Endevio Limited (C61S19) taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Raġuni għat-Talbiet*

*Il-preżenti proċeduri ġudizzjarji qegħdin isiru sabiex 1-intimata tiġi ordnata tirrilaxxa s- somma ta' mija sebgħa u erbgħin elf, disa' mija u tliet Euro (EUR147,903.00) flimkien ma' l-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna fuq ċitata favur ir-rikorrenti.*

*U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta attriċi talbet lil din il-Qorti:-*

1. *Tiddikjara li s-soċjeta' intimata ma għandha ebda dritt legali li b'mod uniterarju tiċħad li tirrilaxxja l-flejjes tas-soċjeta' rikorrenti favur l-istess rikorrenti.*

2. *Konsegwentament tiddikjara li s-soċjeta' intimata għandha tirrilaxxja l-flejjes kollha tas-soċjeta' rikorrenti a favur l-istess soċjeta' rikorrenti, flimkien mal-imgħax legali skont il-liġi.*

3. *Tordna lis-soċjeta' intimata tirrilaxxja a favur is-soċjeta' rikorrenti l-flejjes tar-rikorrenti a favur l-istess soċjeta' rikorrenti fl-intier tagħhom, flimkien mal-imgħax legali skont il-liġi immedjatament fi żmien li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-mandati kawtelatorji ppreżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat u bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna kontra s-soċjeta' intimata li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni, u b'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni spettanti lis-soċjeta' rikorrenti skond il-liġi.*

Rat **ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta** ppreżentata fil-11 ta' Marzu 2025 permezz ta' liema eċċepiet:-

1. *Illi s-soċjeta intimata hija entita' liċenzjata mill-Awtorita' Finanzjarja ta' Malta, u tifforma parti minn grupp kbir ta' kumpaniji f'diversi ġurisdizzjonijiet, liema ġurisdizzjonijiet huma marbuta bis-Sanzjonijiet tal-OFAC. Barra minn hekk, kontra għal dak allegat mis-soċjeta attriċi li ma teżisti ebda bażi leġittima*

*u legali għar-raġuni għalfejn is-soċjeta intimata ma għaddietx il-flus a favur is-soċjeta attriċi (paragrafu 3 tar-rikors ġuramentat), ai termini tal-gwida maħruġa mill-Bord tas-Sanzjonijiet (Sanctions Monitoring Board) data 27 ta' Frar 2023, "the SMB recommends that Maltese economic operators undertake the necessary due diligence when dealing with persons, entities and bodies listed by national sanctions of other countries, particularly paying close attention to the reasons why such sanctions have been imposed and to consider any transaction or dealings considering due diligence and KYC obligations, including AML/CFT obligations where applicable. The SMB is therefore calling for special attention regarding the decisions taken by the OFAC, considering that Maltese national and legal persons, entities and bodies feature on the list. The SMB strongly recommends that all Maltese economic operators and financial institutions in the Republic of Malta exercise enhanced due diligence when dealing with the persons, entities and bodies listed by the OFAC and with assets belonging to these persons, entities and bodies". Illi għalhekk, in segwitu tal-gwida maħruġa mill-Bord tas-Sanzjonijiet, is-soċjeta intimata aggixiet bid-dilgenza mistennija minnha bħala entita' liċenzjata.*

2. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà rikorrenti in kwantu is-soċjeta' intimata dejjem mxiet kif mistenni minnha bħala entita liċenzjata skont ir-regolamenti u l-liġi applikabbli lilha, kif ser jiġi ppruvat matul dawn il-proċeduri;*

3. *Illi in oltre, it-tielet talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta attriċi stante tikkontradixxi t-talba attriċi għall-imgħax legali "dekoribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna";*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi u b'riserva ta' kull dritt fil-liġi kontra s-soċjetà attriċi;*

Rat in-nota tas-soċjeta attriċi preżentata fl-10 ta' April 2025 permezz ta' liema preżentat prospett tal-ammont pretiż u ċioe mija seba' u ħamsin elf u tnejn u ħamsin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€157,052.85).

Rat in-nota tas-soċjeta konvenuta preżentata fl-10 ta'April 2025 permezz ta' liema ammettiet it-talbiet attriċi kif kwantifikati fin-nota hawn appena msemmija.

Rat in-nota pereżentata miż-żewġ partijiet, ukoll fl-10 ta' April 2025, peremzz ta' liema qablu li l-ispejjez tal-kawża għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta attriċi tgħid li hija għandha somma flus depożitata għand is-soċjeta konvenuta u li din qed tirrifjuta li tirrilaxxja l-imsemmija flus.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta attriċi qed titlob ir-rilaxx ta' dawk il-flus favuriha.

Illi fil-mori tal-proċeduri ntlaħaq ftehiem bejn il-partijiet dwar liema huwa l-ammont li għandha tħallas is-soċjeta konvenuta, u ċioe mija seba' u ħamsin elf u tnejn u ħamsin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€157,052.85). Aktar minn hekk s-soċjeta konvenuta ammettiet it-talbiet attriċi f'dan l-ammont. Il-partijiet ftehmu ukoll li l-kawża għandha tibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċidi billi, fuq ammissjoni tas-soċjeta konvenuta, tilqa t-talbiet attriċi kif dedotti b'dan li l-ammont li għandu jitħallas mis-soċjeta konvenuta huwa mija seba' u ħamsin elf u tnejn u ħamsin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€157,052.85). Skond kif miftiehem bejn il-partijiet il-Qorti qed tordna li l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**